32006D0428

L 172/15 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 24.6.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ġunju 2006

li tistabbilixxi indikatur fiskali komuni għall-gażolji u l-kerosin

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 2383)

(2006/428/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 95/60/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar l-immarkar fiskali tal-gażolji u l-kerosin [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (2) tagħha,

Billi:

(1) Biex is-suq intern jiffunzjona sewwa, u b'mod partikolari biex ma jkunx hemm evażjoni ta' taxxa, id-Direttiva 95/60/KE tipprovdi għal sistema komuni ta' immarkar għall-identifikazzjoni tal-gażolji, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 00 69, u l-kerosin, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 00 55, li nħarġu għall-konsum eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa. Mill-2002, l-ewwel kodiċi nqasam fil-kodiċijiet NM 2710 19 41, 2710 19 45 u 2710 19 49, sabeix jittieħed kont tal-kontenut ta' sulfat fil-gażolju, u t-tieni kodiċi ġie traspost bħala kodiċi NM 2710 19 25.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/574/KE [2] stabbiliet il-prodott identifikat bl-isem xjentifiku ta' N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy)ethyl]-4-(phenylazo)aniline (Solvent Yellow 124) bħala l-indikatur fiskali komuni stipulat bid-Direttiva 95/60/KE, għall-immarkar tal-gażolji u l-kerosin li ma ġewx intaxxati bir-rata sħiħa applikabbli għal żjut minerali bħal dawn li jintużaw bħala karburanti.

(3) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2001/574/KE jitlob li d-Deċiżjoni tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, fid-dawl ta' żviluppi tekniċi fil-qasam tas-sistemi ta' mmarkar u billi titqies il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-frodi ta' żjut minerali eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

(4) Bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni saret konsultazzjoni ma' l-Istati Membri. L-Istati Membri huma ġeneralment sodisfatti li *Solvent Yellow 124* leħaq l-objettivi tiegħu li jiġi miġġieled l-użu bi frodi ta' żjut minerali eżenti mis-sisa, jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

(5) Ma ġewx irrappurtati problemi fir-rigward ta' l-effetti fuq is-saħħa u l-ambjent bl-użu ta' *Solvent Yellow 124*.

(6) Ma ġie ppreżentat s'issa ebda prodott alternattiv, bħala sostitut potenzjali għal *Solvent Yellow 124*, li jissodisfa l-kriterji kollha li fuqhom intgħażel *Solvent Yellow 124* bħala l-indikatur fiskali komuni, bl-appoġġ ta' l-informazzjoni xjentifika rilevanti.

(7) Għalhekk, *Solvent Yellow 124* għandu jibqa' jiġi użat bħala l-indikatur fiskali komuni fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/60/KE u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(8) Din id-Deċiżjoni ma teħles ebda impriża mill-obbligi tagħha skond l-Artikolu 82 tat-Trattat.

(9) L-opportunitajiet mogħtija minn żviluppi fil-ġejjieni fix-xjenza għandhom jitqiesu billi jiġi ffissat limitu ta' żmien għar-reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 291, 6.12.1995, p. 46.
[2] ĠU L 203, 28.7.2001, p. 20. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/900/KE (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 107).

(10) Iżda, reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha ssir f'kull ħin qabel dan il-limitu ta' żmien jekk *Solvent Yellow 124* jinstab li qed jikkawża ħsara addizzjonali fuq is-saħħa jew l-ambjent.

(11) Fl-interessi taċ-ċarezza u t-trasparenza d-Deċiżjoni 2001/574/KE għandha tiġi sostitwita.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Taxxi tas-Sisa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-indikatur fiskali komuni stipulat bid-Direttiva 95/60/KE, għall-immarkar tal-gażolji kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2710 19 41, 2710 19 45, u 2710 19 49, kif ukoll tal-kerosin li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 25, għandu jkun *Solvent Yellow 124*, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jiffissaw livell ta' immarkar ta' mill-anqas 6 mg u mhux aktar minn 9 mg ta' indikatur għal kull litru ta' żejt minerali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, filwaqt li jitqiesu żviluppi tekniċi fil-qasam tas-sistemi ta' immarkar u l-ħtieġa li jiġi miġġieled l-użu bi frodi ta' żjut minerali eżenti mis-sisa jew suġġetti għal rata ta' sisa mnaqqsa.

Se ssir reviżjoni qabel il-waqt jekk jinstab li *Solvent Yellow 124* qed jikkawża ħsara addizzjonali fuq is-saħħa jew l-ambjent.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2001/574/KE hi rrevokata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-22 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. Identifikazzjoni skond l-Indiċi tal-Kulur: *Solvent Yellow 124*
2. Isem xjentifiku: N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy)ethyl]-4-(phenylazo)aniline